

# Il-Festa Tagħna (1886-2006)

minn Winston L Zammit
*BA (Hons), PGCE MA*

**1886 – 130 Sena Ilu**

Il-Gwardjan kien Patri Tonin Cesal OFM. Il-Festa Titulari ħabtet il-Ħadd 4 ta' Lulju 1886. Fil-festa ħadet sehem il-Banda "La Valette" u kien hemm il-mixegħla. Kellha ssir il-ġostra, iżda ma saritx billi kien hemm 'shark' tħuf fil-Port ta' Marsamxett.

**1896 – 120 Sena Ilu**

Il-Gwardjan kien Patri Beneditt Vella OFM. Għandna biss programm li jgħidilna li l-festa kellha ssir il-Ħadd 19 ta' Ġunju. Skont il-programm kellhom idoqqu erba' baned "San Ġorġ" (Bormla), "I Cavalieri di Malta" (Tas-Sliema), "Duke of York" (Il-Birgu) u "La Vincitrice" (L-Isla). Kellu jkun hemm il-mixegħla u l-logħob tan-nar.

**1916 – Mitt Sena Ilu**

Il-Gwardjan kien Patri Feliċ Grima OFM. Rivista lokali, tgħidilna li f'Tas-Sliema saret is-sollennità bħas-soltu tal-Festa tal-Madonna Tas-Sacro Cuor. Il-Vigarju Provinċjal għamel il-funzjonijiet u l-paniġierku bit-Taljan għamlu Patri Tonin Bajada OFM. Filgħaxija mar ukoll Mons Isqof Mawru Caruana OSB li ta l-Barka Sagramentali. Gazzetta lokali ppublikata qabel il-festa tgħidilna li għal din il-festa għandu jiżżanżan vent'artal ġdid għall-artal maġġur skolpit fl-injam maħdum mill-imgħallem Carmelo Theuma u indurat mill-imgħallem Salvu Brincat.



*Vent'artal għall-artal maġġur imżanżan mitt sena għall-Festa 1916*

**1926 – 90 Sena Ilu**

Il-Gwardjan kien Patri Feliċ Grima OFM u l-Kappillan kien Patri Gwidu Annati OFM. Nota fil-kronaka tal-kunvent tgħidilna li billi kienu qegħdin isiru l-preparattivi għat-tkabbir tal-knisja, kemm il-festi interni u dawk esterni kienu limitati fil-pompa. Għall-festa interna issuplixxa l-kunvent u għall-esterni l-Kumitat tal-Każin tal-Banda Sliema. Ġie nnawgurat ukoll il-kanopew xogħol is-sorijiet tal-Bon Pastur li qam £65.



*Kanopew – 90 sena ilu – xogħol is-sorijiet tal-Bon Pastur*

**1936 – 80 Sena Ilu**

Il-Gwardjan kien Patri Feliċ Grima OFM, il-Kappillan kien Patri Franġisk Montebello OFM u l-Prokuratur tal-Festa kien Patri Alessandru Azzopardi OFM. Il-festa Titulari ġiet iċċelebrata l-Ħadd 28 ta' Gunju 1936, u fil-festa ta' din is-sena saret it-tifkira tal-25 sena tal-purċissjoni (1911-1936). It-toroq

prinċipali tal-parroċċa kienu mżejna. Il-Prietki tat-Tridwu saru minn Patri Alfons Zammit OC Kappillan ta' Santa Venera. Nhar il-festa filgħaxija fid-9:00 a.m. bdiet quddiesa solenni, li ġiet iċċelebrata mill-Ministru Provinċjal Patri Pietru Muscat OFM u l-paniġierku bit-Taljan sar minn Patri Paul Attard SJ. Wara nofsinhar sar paniġierku ieħor mill-Profs Dun Alwiġ Catania. Fis-6:00p.m. bdiet il-purċissjoni bil-vara titular. Fir-rotta tal-purċissjoni, il-gallariji tad-djar kienu mixgħula u fit-twieqi, terrazzini u bjut kien hemm vażuni bil-fjuri. Xita kontinwa ta' fjuri akkumpanjat l-istatwa merfugħa fuq l-ispallejn tar-refuġjati. Kif spiċċat il-purċissjoni żewġ baned waħda x-Xatt u l-oħra fi Triq Santa Marija ġibdu folla kbira ta' nies. Qrib l-10:30 p.m. in-nies inġabret ix-Xatt għal-logħob tan-nar. F'din il-festa ħadet sehem ukoll il-Banda "Stella Maris", filwaqt li l-Banda "Sliema" għamlet tliet servizzi.

**1946 – 70 Sena Ilu**

Il-Gwardjan kien Patri Lino Mamo OFM. Il-Kappillan kien Patri Eġidju Ferriġġi OFM.

F'dik is-sena kien qed jiffunzjona l-Kumitat tal-Festa, kompost minn dawn il-persuni:

| | |
|---|---|
| President Onor | Patri Wistin Portelli OFM |
| President | Salvinu Privitera B.Sc, BA, A&CE |
| Viċi President | P Schembri |
| Segretarju | Anton Grech |
| Kaxxier | G Vella |
| Ass Kaxxier | G Gauci |
| Prokuratur | V Suda |
| Membri | C Galea, A Alfina, G Mizzi, C Cassar, C Pisani, V Suda, F Caruana. |

Mir-reġistru tal-Kunvent nafu li l-Komunità għamlet dawn il-ħlasijiet b'rabta mal-festa:

| | |
|---|---|
| Al Maestro Camilleri: Musica | £37.00 |
| Predicatore del Triduo | £2.00 |
| Panegerista Mattino | £1.00 |
| Predicatore Vespri | 0-15s0d |

Jidher biċ-ċar li l-ispejjeż marbutin mal-Festa Esterna tħallsu mill-Kumitat tal-Festa.

**1976 – 40 Sena Ilu**

Il-Gwardjan kien Patri Bernard Bartolo OFM. Il-Kappillan kien Patri Pietru Battista' Farrugia OFM. Il-Prokuratur tal-Festa kien Bro Joe Azzopardi OFM.

Il-Festa ħabtet il-Ħadd 4 ta' Lulju. Il-Prietki tat-Tridwi saru minn Dun Ġużepp Borg. Il-paniġierku ta' filgħodu sar mill-Kan Victor Cilia BA LicD, Arċipriet tal-Kolleġġjata ta' Bormla, filwaqt li dak ta' filgħaxija sar minn Patri Leone Mifsud OSA. Il-mużika ta' lejlet u nhar il-festa kienet tas-Surmast Giuseppe Camilleri. Daqqew il-baned "Sliema", Beland (Iż-Zejtun), 12th May (Ħaż-Żebbuġ. Kien hemm ukoll il-logħob tan-nar.



*Partitarji waqt il-marċ ta' filgħodu fil-Festa ta' 1986*



*Il-Każin tal-Banda Sliema imżejjen fl-okkażjoni tal-Festa 1981 – 100 sena anniversarju minn kemm ila fostna l-istatwa titulari tas-Sultana Tagħna*



*L-Oratorju Marjan "Madonna Tas-Sacro Cuor" kliem ta' Patri Marjanu Vella u mużika tal-Profs Mro Joseph Vella esegwit mill-Orkestra Nazzjonali fil-Knisja Parrokkjali – Lulju 2006*



*Pellegrinaġġ Marjan bil-Vara Titulari tal-Madonna Tas-Sacro Cuor it-Tnejn 26 ta' Ġunju 2006 milqugħ mill-Banda Ċittadina Sliema bid-daqq tal-Innu l-Kbir Lis-Sultana Tagħna fuq il-planċier biswit iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali*

**1986 – 30 Sena Ilu**

Fil-festa ta' din is-sena saret it-tifkira tal-75 sena mill-Ewwel Purċissjoni (1911-1986). Dan l-avveniment ġie mfakkar b'mod partikulari nhar it-Tlieta 1 ta' Lulju 1986, meta fil-Knisja Parrokkjali ġie eżegwit l-Oratorio "Madonna tas-Sacro Cuor", kliem

tal-poeta Sliemiż Patri Marjanu Vella OFM u mużika ta' Mro Joseph Vella.

Il-Gwardjan u l-Prokuratur tal-Festa kien Patri Pawl Galea OFM u l-Kappillan kien Patri Silvestru Magro OFM. Lejlet il-festa wara t-transulazzjoni Mons Arċisqof Ġużeppi Merċieca mexxa konċelebrazzjoni Solenni li fiha għamel l-Omelija. Il-paniġierku nhar il-festa filgħodu sar minn Patri Ranjerju Zammit OFMCap u l-purċissjoni wara l-Għasar solenni tmexxiet mis-saċerdot novell, iben il-parroċċa Patri Marċello Ghirlando OFM. Il-mużika ta' lejlet u nhar il-Festa kienet taħt id-direzzjoni ta' Patri Salv Galea OP. Fil-festa ta' barra ħadu sehem il-baned "Sliema" u l-Banda Lily tal-Imqabba.



*L-Istatwa Titulari tal-Madonna Tas-Sacro Cuor lura mill-pellegrinaġġ quddiem il-Każin tas-Soċjetà Filarmonika Sliema – 25 ta' Ġunju 2006*

**1996 – 20 Sena Ilu**

Il-Gwardjan u Prokuratur tal-Festa kien Patri Julian Sammut OFM S Th D li organizza l-festa bl-għajnuna tal-Kummissjoni Festi li kienet twaqqfet fl-1993, kellha bħala President lis-Sur Alfred Simler. Il-Kappillan kien Patri Alex Borg OFM. Il-prietki tat-Tridwu saru minn Patri Lawrenz Attard OP, u l-paniġierku nhar il-festa filgħodu sar minn Patri Tonio Mallia Milanes OP. Il-purċissjoni tmexxiet mill-Ministru Provinċjal Patri Bernard Bartolo OFM u l-mużika ta' lejlet u nhar il-festa kienet taħt id-direzzjoni ta' Patri Salv Galea OP. Fil-festi ta' barra ħadu sehem il-baned "Sliema", Santa Katerina (Iż-Żurrieq), "Duke of Connaught" (B'Kara), "San Gejtanu" (Il-Ħamrun), "La Valette" (Il-Belt Valletta), "La Stella" (Rabat, Għawdex) u "Lily" (L-Imqabba).

**2006 - 10 Snin Ilu**

Il-Gwardjan, Prokuratur tal-Festa u Kappillan kien Patri George Bugeja OFM. Fil-Festa ta' din is-sena saret it-tifkira tal-125 Sena tal-ftuħ tal-Knisja, tal-miġja tal-Istatwa Titulari u tal-miġja tal-Patrijiet Franġiskani f'Tas-Sliema. B'tifkira nhar l-Erbgħa 21 ta' Ġunju, reġa ġie eżegwit l-Oratorju "Madonna tas-Sacro Cuor, kliem tal-mejjet poeta Sliemiż, Patri Marjanu Vella OFM u mużika ta' Mro Joseph Vella. Imbagħad it-Tnejn 26 ta' Ġunju sar pellegrinaġġ Marjan bil-vara titular mat-toroq tal-parroċċa. Il-Prietki tat-Tridwu saru minn Patri Sandro Overend OFM, Segretarju Ġenerali tal-Ordni Franġiskan. Lejlet il-Festa Mons Isqof Silvestru Magro OFM Vigarju Apostoliku f'Benghazi mexxa t-Transulazzjoni Solenni. L-għada filgħodu l-istess Isqof mexxa Konċelebrazzjoni Solenni li fiha niseġ il-paniġierku Dun Gerard Buhagiar. Filgħaxija l-Isqof Magro mexxa l-Għasar u l-purċissjoni.

Fil-festi ta' barra ħadu sehem il-baned "Sliema", "Santa Katerina" (Iż-Żurrieq), "Sant'Elena" (B'kara), "San Ġużepp" (Il-Ħamrun), "La Valette" (Il-Belt Valletta), "De Rohan" (Ħaż-Żebbuġ) u l-"Imnarja" (Nadur, Għawdex).


**Bibliografija:**

Malta C(orriere) M(ercantile) M(altese) 2-VII-1886, The Malta Standard 5-VII-1886

Gazzetta di Malta CMM 12-VI-1896

L-Anġlu tal-Paċi, Awwissu 1916 p 255

Is-Salib, 8-VII-1916 p 3

Piccolo Cronaca della Parrocchia di N.S. dalla Sua Erezione (Incomincia il 21 Settembre 1918) p 55

L-Anġlu tal-Paċi, Awwissu 1936 p 53, Malta 2-VII-1936 p 2, A(rkivju) S(oċjetà)M(użikali) S(liema), Corrispondenza 1929-1937. Ittra 2-VII-1936, mis-sur George Hersey Vol VI Seduti tal-Kumitat (1932-1951) Seduta 9-VII-1936.

Leħen is-Sewwa 25-V-1946 p 2

A(rkivju) P(rovinċjali) P(atrijiet) OFM Valletta Amministrazzjoni Sliema, Luglio 1946 Esito

Tagħrif fil-pussess tal-awtur.

IBID

IBID

IBID


